MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 505/2011

GO p.l.c. (C-22334).

Vs

Barrans Paul Mark (Id. 20521A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u erba u sebghin ewro u tmenin centezmu (€674.80) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru A/C40103421 moghtija lilu mis-socjeta’ attrici. U peress illi l-konvenut baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u erba u sebghin ewro u tmenin centezmu (€674.80), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------